

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2015 – ZZ u ZZ vs CEPOL

(Kawża F-105/15)

(2015/C 320/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ u ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: CEPOL (Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija)

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-CEPOL li bihom aċċetta r-riżenja taż-żewġ rikorrenti wara r-rifjut tagħhom li jaħdmu fis-sede l-ġdida tal-aġenzija, f'Budapest (l-Ungerija), u talba għall-kumpens għad-danni materjali u morali allegati mir-rikorrenti.

Talbiet

- tannulla d-deċiżjonijiet tal-CEPOL tat-22 ta' Diċembru 2014 li bihom dan "aċċetta" r-riżenja taż-żewġ rikorrenti;
- sa fejn ikun neċessarju, tannulla d-deċiżjonijiet tal-CEPOL tal-10 ta' April 2015 li jiċħdu l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti bejn it-13 ta' Jannar u s-17 ta' Frar 2015 kontra d-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq;
- tordna l-kumpens għad-dannu materjali subit mir-rikorrenti;
- tordna l-kumpens għad-dannu morali subit mir-rikorrenti;
- tikkundanna lil-CEPOL għall-ispejjeż esposti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2015 – ZZ vs KESE

(Kawża F-107/15)

(2015/C 320/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenut: KESE (Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew)

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni li ddikjarat lir-rikorrent bħala rtirat b'effett mill-31 ta' Diċembru 2014 u deċiżjoni li tiċħad it-talba tiegħu għall-estensjoni tas-servizz.

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tas-7 ta' April 2014 tas-Segretarju Ġenerali tal-KESE li ddikjarat lir-rikorrent bħala rtirat b'effett mill-31 ta' Diċembru 2014 filgħaxija;
- jannulla d-deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2014 tad-Direttur tar-Riżorsi Umani u tas-Servizzi Interni tal-KESE li rrifjuta, b'delega tal-Awtorità tal-Ħatra, li jagħti risposta favorevoli għat-talba għall-estensjoni tal-attività professjonali tiegħu sal-31 ta' Mejju 2015 mressqa fit-3 ta' Settembru 2014 mir-rikorrent;
- jannulla kif meħtieġ id-deċiżjoni tat-22 ta' April 2015 tas-Segretarju Ġenerali tal-KESE li ħadet l-ilment imressaq fit-22 ta' Diċembru 2014 mir-rikorrent kontra d-deċiżjonijiet tas-7 ta' April u tat-30 ta' Settembru 2014;
- tikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2015 – ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-108/15)**

(2015/C 320/75)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ u ZZ (rappreżentanti: N. de Montigny, J.-N. Louis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tillimita għal ħames snin il-perijodu ta' kalkolu mill-ġdid retroattiv tal-allowance b'rata fissa għal sigħat addizzjonali li għalihom ir-rikorrenti għandhom dritt.

Talbiet

- Tannulla d-deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2014 ta' PMO.1 li tillimita l-ħlas tal-adattament tal-allowance b'rata fissa għal sigħat addizzjonali li għalihom huma għandhom dritt mill-1 ta' Marzu 2007 u l-1 ta' Marzu 2008 rispettivament, għal ħames snin mill-1 ta' Settembru 2008, data tal-iskoperta minn PMO tal-iżball ta' kalkolu tar-remunerazzjoni tagħhom;